# KONKORS TAT-TRADUZZJONI JUVENES TRANSLATORES 2009

**L-istruzzjonijiet**

***Fuq din il-paġna*** *- imla d-dettalji fil-kaxxa t'hawn taħt b'**ittri kbar**.*

***Fil-paġni ta' wara*** *- ikteb it-traduzzjoni tiegħek fir-rigi pprovduti u mingħajr ma toħroġ mill-kaxxa. Imla l-oqsma li ssib fuq nett f'kull paġna (in-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola, in-numru tad-dejtabejż tal-istudent/a) u n-numru tal-paġna (**in-numru tal-paġna** / **in-numru totali ta' paġni**).*

| Il-lingwa sors: TALJAN | Il-lingwa mira: MALTI |
|---|---|
| Il-pajjiż: MALTI | |
| In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 913<br>In-numru tal-istudent/a mid-dejtabejż/email ta' konferma: 1771 | |
| L-isem tal-iskola: SAINT ALOYSIUS' COLLEGE SIXTH FORM | |
| L-isem tal-istudent/a: BENJAMIN CAMILLERI | |
| Id-data ta' twelid: | |

In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 913

In-numru tad-dejtabejż tal-istudent/a: 1771

Tliet istituzzjonijiet għal messaġġ tal-mowbajl: l-Ewropa minn għajnejn David.

Meta jiġi d-diskors fuq l-Unjoni Ewropea u dwar l-istituzzjonijiet li jirrappreżentawha, spiss wieħed jistaqsi x'inhu eżattament l-irwol tagħhom fil-proċess leġislattiv Ewropew u, fuq kollox, x'inhuma l-vantaġġi tal-Ewropa għal ħajjitna ta' kuljum. Infatti għalhekk li nispjegaw is-sitwazzjoni permezz ta' eżempju konkret, li jolqot lil kull wieħed u waħda minna: l-użu tal-mowbajls meta nkunu barra minn pajjiżna.

Nieħdu l-eżempju ta' David, wieħed li jħobb ħafna l-mużika, li fis-sajf idur l-Ewropa biex jassisti għal kunċerti tal-mużika rokk: fl-2008, per eżempju, mar l-Islovakkja, Spanja, l-Italja u l-Belġju. Illum, grazzi għall-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, l-ivjaġġar ġewwa l-Unjoni Ewropea huwa ħafna aktar faċli meta mqabbel

In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 913

In-numru tad-dejtabejż tal-istudent/a: 1771

ma' ftit snin ilu: il-fruntieri jingasmu malajr u kważi kullimkien wieħed iħallas bl-Ewro. Sas-sajf li għadda però David kien iħallas flus mhux ħażin sabiex ikun jista' jibgħat messaġġi tal-mowbajl lill-ħbieb tiegħu mxerrdin madwar l-Ewropa. Iżda mill-2009 s-sitwazzjoni nbidlet. Infatti fl-ewwel ta' Lulju daħal fis-seħħ ir-regolament Ewropew li jikkontrolla l-prezz tas-servizzi telefoniċi, u minn dakinhar li jintbagħat messaġġ tal-mowbajl minn naħa għall-oħra tal-Ewropa jista' jiġi jiswa saħansitra inqas milli kieku jintbagħat lill-ġar.

Il-proposta li jiġi limitat il-prezz tal-messaġġi tal-mowbajl mibgħuta minn barra ħarġet mill-Kummissjoni – l-organu eżekuttiv tal-UE, li fl-interess tal-Unjoni jippromwovi proposti normattivi – bl-eżatt mill-Kummissarju responsabbli għas-Soċjetà tal-informazzjoni u l-mezzi tal-komunikazzjoni, Viviane Reding. L-inizzjattiva tal-Kummissjoni –

**In-numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola:** 913

**In-numru tad-dejtabejż tal-istudent/a:** 1771

l-istess bħal kull proposta normattiva oħra – ġiet b'hekk diskussa u approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. F'dal-punt tal-proċess deċiżjonali jidħol il-Parlament Ewropew, li jiġi elett kull 5 snin miċ-ċittadini Ewropej. Il-vot favorevoli tal-Parlament Ewropew approva d-dħul fis-seħħ tar-regolament, imsellem b'dawn il-kliem minn José Manuel Barroso, il-President tal-Kummissjoni: "Issa l-Ewropa hija biċ-ċar l-aktar kontinent interessanti fid-dinja għall-abbonati tat-telefonija mobbli".

Għall-ħena ta' David, inżidu aħna. Kollox ċar? Issa jmiss lilkom: it-traduzzjoni t-tajba!